**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**1 ta' Ottubru, 2023**

# TGĦIDUH IR-RUŻARJU?

Xħin jibda x-xahar ta' Ottubru, niftakru iktar mis-soltu fit-talba tar-Rużarju. Ir-Rużarju norbtuh ma' dan ix-xahar minħabba fatt ta' storja. Fis-7 t'Ottubru 1571, li kien jaħbat il-Ħadd, seħħet il-battalja navali ta' Lepanto, bejn mijiet ta' bastimenti tal-Insara u mijiet ta' bastimenti tal-Ottomani Misilmin. F'dak il-jum il-konfraternitajiet tar-Rużarju f'Ruma għamlu purċissjoni u ħafna talbu lill-Madonna biex l-Insara joħorġu rebbieħa. Il-battalja, li fiha ħadu sehem xi bastimenti minn Malta, intrebħet mill-Insara. B'hekk l-Ewropa ħelset milli titmexxa mill-Ottomani.



Il-Papa Piju V attribwixxa r-rebħa ta' Lepanto lil Ommna Marija. Għalhekk huwa waqqaf il-festa tal-Vitorja li mbagħad bdiet tissejjaħ il-Festa tar-Rużarju. Ir-Rużarju hija t-talba tal-familja. Hija wkoll dik it-talba li nistgħu ngħiduha f'dawk il-mumenti ta' ansjetà fl-isptar, waqt vjaġġi freneti ċi, fl-ajruport u anke waqt li tkun qed tistenna biex tinqeda xi mkien.

Min huma dawk li jgħidu r-Rużarju? Huma dawk li jemmnu li fit-talb huwa veru li Alla jismagħna. Ir-Rużarju jgħiduh dawk li jemmnu li għandna nikkomunikaw mal-Mulej u l-qaddisin tiegħu.

Għandi f'idejja ittra li soru li tafuha bagħtet minn post fl-Afrika fejn għal bosta snin ma għamlitx xita. Fl-ittra semmiet kif ġabru t-tfal u bdew jgħidu r-Rużarju b'fiduċja u mħabba. Kien ilu tliet snin ma jaraw qatra xita. U dakinhar għamlet ix-xita u kompliet nieżla għal bosta jiem.

Jien nemmen fir-Rużarju jew aħjar, jien nemmen?

Ejjew nagħmlu att ta' fiduċja f'Ommna Marija.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

Matul ix-xahar t'Ottubru, il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl, se tkun qed tpoġġi kaxxi maġenb il-bibien prinċipali tal-knisja. Fihom se jinġabru preserves, kafè, te, għaġin, żejt, toddler nappies, ħalib tat-trabi u affarijiet li jservu fit-tul sabiex fil-ġranet ta' Diċembru jiġu mqassma lil min hu fil-bżonn. Ġentilment nitolbu lil kulħadd jgħin kif jista'. Grazzi.

## Avviżi:

**ĠBIR GĦALL-POPLI TAL-MAROKK U L-LIBJA MILQUTA MIT-TERREMOT U L-GĦARGĦAR:** fil-quddies kollu ta' tmiem il-ġimgħa (is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd), il-ferta ser tmur b'risq il-persuni u l-familji milquta mit-terremot fil-Marokk u l-għargħar fil-Libja. Inħeġġukom tkunu ġenerużi.

**PURĊISSJONI BL-ISTATWA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU:** nhar il-Ħadd, l-1 t'Ottubru, wara l-Quddiesa tal-5:00pm. Tkun bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, Kleru, Abbatini u Fratelli. Ngħaddu mid-dawra l-qasira u nirreċitaw it-talba tar-Rużarju.

**IL-LAQGĦAT TAL-AZZJONI KATTOLIKA:** se jibdew skont kif indikat: il-fergħa nisa ser ikollha l-ewwel laqgħa nhar it-Tnejn 2 t'Ottubru fid-9:00am, fis-Sala Parrokkjali. Il-fergħa xebbiet ikollha l-ewwel laqgħa nhar it-Tlieta 3 t'Ottubru f'Dar Luminaria. Inħeġġukom biex tattendu. It-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid.

**RUŻARJU FIL-KNISJA MATUL IX-XAHAR T'OTTUBRU:** qabel l-aħħar quddiesa. Għadu kemm tqassam librett sabiħ u utli dwar ir-rużarju biex kull familja tagħmel użu tajjeb minnu.

**TIBDIL FL-ORARJU TAL-QUDDIESA TA' FILGĦAXIJA:** minn nhar it-Tnejn 2 t'Ottubru, mit-Tnejn sas-Sibt, l-aħħar quddiesa fil-Knisja Bażilika tibda tkun fis-6:30pm flok fis-7:00pm.

**IL-KOMUNITÀ EWKARISTIKA:** ser terġa' tibda tiltaqa' kull nhar ta' Tnejn fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7:00pm. Tkun immexxija minn Fr Mark Bonello. Isir qari, tiftix u qsim tal-Kelma t'Alla u tiġi ċċelebrata wkoll l-Ewkaristija darba fix-xahar.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** se torganizza quddiesa għar-ruħ ta' Maria Said fis-Santwarju ta' Pinu nhar il-Ħamis 5 t'Ottubru. Tluq minn quddiem iċ-Ċentru fid-9:30am. Ċemplu lil Tonina Sammut fuq 21553041 jew 79923153.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** se ssir fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, 6 ta' Ottubru, fil-5:00pm.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ MATUL IX-XAHAR T'OTTUBRU:** se jsir f'żoni differenti tar-raħal, kull nhar ta' Ġimgħa fil-5:30pm. L-ewwel darba se tkun il-Ġimgħa 6 t'Ottubru quddiem l-istatwa tal-Madonna fi Ġnien il-Kunsill. Kulħadd mistieden jattendi sabiex nitolbu għal tant ħtiġijiet.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 6 t'Ottubru, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5:00pm, fil-knisja. Mistednin ilkoll biex niltaqgħu ma' Ġesù u nitolbuh ħniena għad-dinja kollha.

**IL-QUDDIESA TAL-FTUĦ TAS-SENA TAT-TAGĦLIM:** se tkun nhar il-Ħadd 8 t'Ottubru fl-9:45am. Mistednin it-tfal kollha u l-familji tagħhom.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am